# Il-Ktejjeb tiegħi ta’ Exjade® (deferasirox)▼

ISEM DATA

April 2017

EXJ PG 04/17 MT

# Ktejjeb ta' Exjade ®(deferasirox)

Dan il-ktejjeb jinkludi informazzjoni importanti, inkluż kif għandek tieħu sew Exjade, skont il-formulazzjoni li ġejt ordnat tieħu. Se titgħallem kif għandek tissorvelja t-trattament tiegħek, l-effetti sekondarji possibbli u kif għandek tieħu mediċini oħra waqt li tkun qed tieħu Exjade.

## Deferasirox huwa disponibbli f'żewġ forom, u kull waħda minnhom għandha għamla u kulur differenti, peress li jittieħdu b'mod differenti

Huwa importanti li tieħu l-mediċina tiegħek kif ordnalek it-tabib tiegħek.

1) Exjade pilloli miksijin b'rita huma pilloli blu u ovali li jistgħu jinbelgħu sħaħ fuq stonku vojt jew ma' ikla ħafifa. Jekk ma tistax tibla' pilloli sħaħ, Exjade pilloli miksijin b'rita jistgħu jitfarrku u jiġu mxerrda fuq ikel artab.




2) Exjade pilloli li jinfirxu huma pilloli bojod u tondi li jridu jinħallu f'likwidu u jittieħdu fuq stonku vojt.




Il-pilloli murija mhumiex fid-daqs reali tagħhom.

Exjade pilloli li jinfirxu mhumiex se jibqgħu jiġu fl-Unjoni Ewropea fil-futur qarib. It-tabib tiegħek jista' minflok jordnalek il-verżjoni tal-pilloli miksijin b'rita tal-istess mediċina li fiha deferasirox li kont qed tieħu. Ir-riċetta tal-verżjoni tal-pilloli miksijin b'rita se tkun f'doża aktar baxxa mill-pilloli li jinfirxu. Jekk ma tiħux id-doża aktar baxxa aġġustata kif indikat mit-tabib tiegħek fuq ir-riċetta tiegħek għall-pilloli miksijin b'rita, inti għandek imnejn tieħu aktar Exjade milli suppost u allura għandek imnejn tesperjenza reazzjonijiet avversi għal doża eċċessiva. F'dan il-każ, informa lit-tabib tiegħek immedjatament jew ikkuntattja lis-servizzi tal-emerġenza, peress li jista' jkun meħtieġ trattament mediku (ara paġna 7).

# Werrej

## Manwal ta' Exjade


- X'inhu Exjade? 4
- Għala ngħatajt Exjade? 4
- Kif jaħdem Exjade? 5
- Għaliex jintuża Exjade? 5
- Kif għandi nieħu Exjade pilloli miksijin b'rita? 6
- Kif għandi nieħu Exjade pilloli li jinfirxu? 8
- It-trattament tiegħi kif se jiġi ssorveljat? 10
- Exjade għandu effetti sekondarji? 11
- U xi tgħidli dwari mediċini oħra li rrid nieħu wkoll għas-saħħa tiegħi? 12
- Il-progress tiegħi b'Exjade 13
- Tagħrif ieħor dwari 14
- Kif għandi nibda nieħu Exjade 15

## X'inhu Exjade® (deferasirox)?

Exjade huwa aġent kelanti tal-ħadid li jintuża sabiex jgħin fit-tneħħija ta' ħadid eċċessiv fil-ġisem.

## Għala ngħatajt Exjade?

Ħafna tipi ta' kundizzjonijiet għandhom bżonn ta' trasfużjonijiet. Uħud minnhom huma:

- β-talassemija maġġuri
- Mard fiċ-ċellula sura ta' minġel, jew SCD
- Sindromi mijelodisplastiċi b'riskju aktar baxx, jew MDS
- Anemiji oħrajn

Jekk għandek xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, x'aktarx li ngħatajt xi trasfużjonijiet. It-trasfużjonijiet għandhom iċ-ċelluli ħomor tad-demm b'saħħithom li ġismek għandu bżonn u jistgħu jgħinuk tħossok aħjar.

Kull trasfużjoni li tingħata fiha l-ħadid. Il-ħadid huwa importanti peress li ċ-ċelluli ħomor tad-demm jużawh biex iġorru l-ossiġnu madwar ġismek. Madankollu, il-ġisem ma għandux il-mod tiegħu kif ineħħi l-ħadid żejjed.

L-ammont ta' ħadid jakkumula ma' kull trasfużjoni. Dan jikkawża ammont żejjed ta' ħadid f'ġismek, imsejjaħ **tagħbija żejda kronika ta' ħadid**. Ammont eċċessiv ta' ħadid jista' jkun ta' ħsara u jagħmel dannu lill-organi bħal qalbek u fwiedek.

Huwa importanti li tneħħi dan l-ammont żejjed ta' ħadid biex iżżomm il-ħadid tiegħek f'livell sigur u tajjeb għas-saħħa.

## Kif jaħdem Exjade?

Exjade jaħdem bi proċess imsejjaħ **"kelazzjoni"** (li tinqara ke-laz-zjo-ni).

Wara li tkun ħadt Exjade, dan jidħol fiċ-ċirkolazzjoni tad-demm tiegħek u "jaqbad" il-ħadid żejjed li jsib.



## Għaliex jintuża Exjade?

Exjade jintuża għall-kura ta' tagħbija żejda kronika ta' ħadid bi trasfużjonijiet frekwenti tad-demm f'pazjenti li jsofru minn talassemija maġġuri li għandhom 6 snin jew aktar.

Exjade jintuża wkoll għall-kura ta' tagħbija żejda kronika ta' ħadid meta terapija b'deferoxamine tkun kontraindikata jew inadegwata f'pazjenti li jsofru minn beta-talassemija maġġuri li jkollhom tagħbija żejda ta' ħadid ikkawżata minn trasfużjonijiet mhux frekwenti tad-demm, f'pazjenti li jsofru minn forom oħrajn ta' anemiji, u fi tfal li għandhom bejn sentejn u ħames snin.

Exjade jintuża wkoll meta terapija b'deferoxamine hija kontraindikata jew inadegwata għall-kura ta' pazjenti li għandhom 10 snin jew aktar li għandhom tagħbija żejda ta' ħadid assoċjata mas-sindromi tat-talassemija tagħhom, iżda li ma jiddependux fuq it-trasfużjonijiet.

# Kif għandi nieħu Exjade® (deferasirox) pilloli miksijin b’rita?

## X’doża x’se nieħu?

Id-doża ordnata lilek ta’ Exjade pilloli miksijin b’rita hija bbażata fuq il-piż tiegħek, il-livell ta’ ħadid tiegħek, il-funzjoni tal-fwied u l-kliewi tiegħek, u l-frekwenza ta’ kemm tingħata trasfużjonijiet.

Jekk se taqleb minn Exjade® (deferasirox) pilloli li jinfirxu għal Exjade pilloli miksijin b’rita, se jkollok bżonn doża aktar baxxa. Jekk se tibdel minn infużjonijiet b’deferoxamine għal Exjade pilloli miksijin b’rita, it-tabib tiegħek għandu mnejn jagħżel id-doża tiegħek ta’ Exjade abbażi ta’ kemm kont qed tieħu deferoxamine.

## Liema pillola/pilloli se nieħu?

Exjade pilloli miksijin b’rita jiġu f’pilloli b’daqsijiet differenti, u għandu mnejn ikollok tieħu aktar minn waħda. It-tabib tiegħek se jgħidlek kemm għandek tieħu pilloli kuljum u ta’ liema daqs.




90 mg




180 mg




360 mg

Pilloli murija fid-daqs reali tagħhom.

## Meta għandi nieħu Exjade pilloli miksijin b’rita?

Exjade pilloli miksijin b’rita għandhom jittieħdu darba kuljum, preferibbilment fl-istess ħin kuljum, u jistgħu jittieħdu fuq stonku vojt jew ma’ ikla ħafifa.

## Kif għandek tieħu Exjade pilloli miksijin b'rita

Exjade pilloli miksijin b'rita għandhom jinbelgħu sħaħ ma' ftit ilma. Għal pazjenti li ma jistgħux jibilgħu pilloli sħaħ, il-pilloli miksijin b'rita ta' Exjade jistgu jitfarrku u jingħataw billi d-doża sħiħa tiġi mferrxa fuq ammont żgħir ta' ikel artab, bħal jogurt jew zalza tat-tuffieħ (purée tat-tuffieħ).Id-doża għandha tiġi kkunsmata immedjatament u kompletament, u ma għandhiex tinħażen biex tintuża fil-futur.

## X'jiġri jekk ninsa nieħu d-doża tiegħi?

Jekk taqbeż doża ta' Exjade, xorta waħda għandek teħodha meta tiftakar, anki jekk ikun aktar tard fil-ġurnata. Ħu d-doża li jmiss tiegħek kif ippjanat.

Ma għandekx tieħu doża doppja l-għada biex tpatti għal pillola/pilloli li tkun insejt tieħu.

## X'jiġri jekk nieħu aktar pilloli ta' Exjade milli suppost?

Jekk tieħu aktar pilloli ta' Exjade milli suppost, informa lit-tabib tiegħek immedjatament jew ikkuntattja lis-servizzi tal-emerġenza, peress li jaf ikun meĦtieġ trattament mediku.

# Kif għandi nieħu Exjade® (deferasirox) pilloli li jinfirxu?

## X'doża x'se nieħu?

Id-doża ordnata lilek ta' Exjade pilloli li jinfirxu hija bbażata fuq il-piż tiegħek, il-livell ta' ħadid attwali tiegħek u l-frekwenza ta' kemm tingħata trasfużjonijiet.

Jekk se tibdel minn infużjonijiet ta' deferoxamine għal Exjade pilloli li jinfirxu, it-tabib tiegħek għandu mnejn jagħżel id-doża tiegħek ta' Exjade abbażi ta' kemm kont qed tieħu deferoxamine.

## Liema pillola/pilloli se nieħu?

Exjade pilloli li jinfirxu jiġu f'daqsijiet ta' pilloli differenti, u inti għandu mnejn ikollok tieħu aktar minn waħda. It-tabib tiegħek se jgħidlek kemm għandek tieħu pilloli kuljum u ta' liema daqs.



125 mg | 250 mg | 500 mg

Pilloli murija fid-daqs reali tagħhom.

## Meta għandi nieħu Exjade pilloli li jinfirxu?

Inti għandek tieħu l-pilloli ta' Exjade tiegħek darba kuljum u fl-istess ħin kuljum. Li tieħu Exjade fl-istess ħin tal-ġurnata se jgħinek tiftakar meta għandek tieħu l-pillola tiegħek. Exjade pilloli li jinfirxu għandhom jittieħdu fuq stonku vojt tal-anqas 30 minuta qabel ma tiekol.

## Kif għandi naħżen Exjade?

Inti għandek taħżen il-pilloli ta' Exjade tiegħek f'temperatura tal-kamra fil-pakkett oriġinali tagħhom biex tilqagħhom mill-umdità.

## Il-passi meħtieġa biex tieħu Exjade pilloli li jinfirxu









**L-ewwel pass:**
POĠĠI l-pillola/pilloli li tinfirex/jinfirxu tiegħek ta' Exjade ġo tazza meraq tal-larinġ, meraq tat-tuffieħ jew ilma. Tista' tuża wkoll il-flixkun għat-taħlit ta' Exjade. Kun żgur li tuża l-ammont eżatt ta' likwidu li ordnalek it-tabib tiegħek.

**It-tieni pass:**
ĦAWWAD il-likwidu u l-pillola/pilloli ta' Exjade kompletament sakemm ikollok taħlita omoġenja. Il-konsistenza tat-taħlita jaf tkun magħquda.

**It-tielet pass:**
IXROB it-taħlita kollha ta' Exjade immedjatament. Żid aktar meraq jew ilma u ħawwad ma' dak li jkun jifdal. Imbagħad ixrob il-likwidu.

**Tomgħodx jew tiblax il-pilloli sħaħ u tkissirx jew tfarrakx il-pilloli.**

**Tħollx il-pilloli li jinfirxu tiegħek ta' Exjade f'xorb bil-gass jew fil-ħalib.**

## X'jiġri jekk ninsa nieħu d-doża tiegħi?

Jekk taqbeż doża ta' Exjade, xorta waħda għandek teħodha meta tiftakar, anki jekk ikun aktar tard fil-ġurnata. Ħu d-doża li jmiss tiegħek kif ippjanat. Ma għandekx tieħu doża doppja l-għada biex tpatti għal pillola/pilloli li tkun insejt tieħu.

## X'jiġri jekk nieħu aktar pilloli ta' Exjade milli suppost?

Jekk tieħu aktar pilloli ta' Exjade milli suppost, informa lit-tabib tiegħek immedjatament jew ikkuntattja lis-servizzi ta' emerġenza, peress li jaf ikun meħtieġ trattament mediku.

## Il-kura tiegħi kif se tiġi ssorveljata?

Waqt li tkun qed tieħu Exjade® (deferasirox), se jsirulek testijiet tal-laboratorju regolari. Dawn it-testijiet se jissorveljaw kif qed tirrispondi għall-kura. Id-doża tiegħek għandha mnejn tiġi miżjuda jew imnaqqsa abbażi ta' dawn it-testijiet.

| Test | Qabel tibda Exjade | Kull xahar | Darba fis-sena |
|---|---|---|---|
| **Ħadid**<br>Ferritin tas-serum | ✓ | ✓ | |
| **Kliewi**<br>Kreatinina tas-serum | ✓<br>Dan it-test tad-demm se jsir **darbtejn** qabel tibda Exjade | ✓<br>Għall-ewwel xahar u fl-ewwel xahar wara kwalunkwe tibdil fid-doża, se tiġi eżaminat darba fil-ġimgħa; imbagħad darba fix-xahar | |
| Tneħħija tal-kreatinina | ✓ | ✓<br>Għall-ewwel xahar u fl-ewwel xahar wara kwalunkwe tibdil fid-doża, se tiġi eżaminat darba fil-ġimgħa; imbagħad darba fix-xahar | |
| **Fwied**<br>(Transaminases tas-serum, bilirubina, fosfatażi alkalina) | ✓ | ✓<br>Għall-ewwel xahar, se tiġi eżaminat kull ġimagħtejn; imbagħad darba fix-xahar | |
| **Awrina**<br>(Proteina fl-awrina) | ✓ | ✓ | |
| **Smigħ u vista** | ✓ | | ✓ |
| **Pazjenti pedjatriċi:**<br>Ivvaluta l-iżvilupp tal-ġisem (eż. il-piż tiegħek, l-iżvilupp sesswali tiegħek, u kemm tikber fis-sena) | ✓ | | ✓ |
| **Piż u tul** | ✓ | | ✓ |

It-tabib tiegħek jista' wkoll

- Juża test imsejjaħ immaġni b'reżonanza manjetika, jew **MRI**, biex jiċċekkja l-livelli ta' ħadid f'qalbek jew fil-fwied tiegħek
- Iwettaq **bijopsija** tal-kliewi tiegħek jekk huwa/hija jissuspetta/tissuspetta problemi importanti tal-kliewi

## Exjade għandu effetti sekondarji?

Bħal kull mediċina oħra, Exjade jista' jkollu effett sekondarji, għalkemm mhux il-pazjenti kollha jesperjenzawhom. L-aktar effetti sekondarji frekwenti huma ħfief sa moderati u ġeneralment jgħaddu ladarba tidra l-kura. Dan jista' jdum ftit jiem jew ġimgħat.

Effetti sekondarji komuni jinkludu dardir, rimettar, dijarrea, uġigħ fl-addome, nefħa, konstipazzjoni, indiġestjoni, raxx u uġigħ ta' ras.

Il-funzjoni tal-kliewi u l-fwied tiegħek se tiġi eżaminata qabel tibda Exjade u inti se tiġi ssorveljat b'mod regolari waqt it-trattament (Ara t-tabella fuq il-paġna ta' qabel.)

**Xi effetti sekondarji jistgħu jkunu serji u jkollhom bżonn attenzjoni medika immedjata.**

*Dawn l-effetti sekondarji mhumiex komuni jew huma rari. Waqqaf din il-mediċina u kellem lit-tabib tiegħek mill-ewwel jekk tħoss xi wieħed mis-sintomi li ġejjin:*

- Raxx sever jew diffikultà biex tieħu nifs u sturdament, jew nefħa prinċipalment tal-wiċċ u tal-griżmejn (sinjali ta' reazzjoni allerġika severa),
- Raxx sever, ħmurija tal-ġilda, infafet fix-xofftejn, l-għajnejn jew il-ħalq, tqaxxir tal-ġilda, griżmejn misluħin, (sinjali ta' reazzjoni severa tal-ġilda),
- Tnaqqis evidenti fl-ammont ta' awrina li tgħaddi (sinjal ta' problema fil-kliewi),
- Kombinazzjoni ta' sturdament, uġigħ fin-naħa tal-lemin ta' fuq tal-addome, sfurija jew żieda fis-sfurija tal-ġilda tiegħek jew ta' għajnejk u awrina skura sinjali ta' problemi tal-fwied),
- Jekk tirremetti d-demm u/jew tipporga skur,
- Uġigħ addominali ta' spiss, l-aktar wara li tiekol jew tieħu Exjade,
- Uġigħ sever fil-parti ta' fuq tal-istonku (pankreatite),
- Ħruq ta' stonku frekwenti,
- Telf parzjali tal-vista

**Ftakar: Dejjem għid lit-tabib, infermier jew spiżjar tiegħek dwar kwalunkwe effett sekondarju li jkollok. Jekk ikollok xi effett sekondarju serju, TIBQAX tieħu l-mediċina tiegħek u kkuntattja lit-tabib tiegħek immedjatament.**

**Għal aktar dettalji dwar l-effetti sekondarji u effetti sekondarji serji, jekk jogħġbok ara l-Fuljett ta' Tagħrif għall-Pazjent**

## U xi tgħidli dwar mediċini oħra li rrid nieħu wkoll għas-saħħa tiegħi?

Exjade® (deferasirox) ma għandux jittieħed ma' kelaturi oħrajn.

Antaċidi (mediċini li jintużaw għall-kura ta' ħruq ta' stonku) li fihom l-aluminju m'għandhomx jittieħdu fl-istess ħin tal-ġurnata bħal Exjade® (deferasirox).

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra. Dawn jinkludu mediċini li tieħu mingħajr riċetta. It-tabib tiegħek jista' jkollu bżonn jagħmel testijiet tal-laboratorju biex jissorvelja dawn il-mediċini.

**Mediċini importanti li b'mod partikolari għandek tgħid lit-tabib tiegħek dwarhom jinkludu:**

- Kelaturi oħrajn tal-ħadid, li ma għandhomx jittieħdu ma' Exjade
- Antaċidi (mediċini li jintużaw għall-kura ta' ħruq ta' stonku) li fihom l-aluminju, li ma għandhomx jittieħdu fl-istess ħin bħal Exjade
- Cyclosporine (li jintuża biex jiġi evitat li l-ġisem jirriġetta organu trapjantat jew għal kundizzjonijiet oħra, bħal artrite rewmatojde jew dermatite atopika)
- Simvastatin (li jintuża biex inaqqas il-kolesterol)
- Ċerti mediċini li jtaffu l-uġigħ jew għal kontra l-infjammazzjoni (eż. aspirina, ibuprofen, kortikosterojdi)
- Bisfosfonati orali (li jintużaw għall-kura tal-osteoporożi)
- Mediċini antikoagulanti (li jintużaw biex jipprevjenu jew jikkuraw tagħqid tad-demm)
- Aġenti kontraċettivi ormonali (mediċini ta' kontroll tat-twelid)*
- Bepridil (imblokkatur tal-kanal tal-kalċju)
- Ergotamine (li jintuża bħala kura għall-emigranja)
- Repaglinide (li jintuża għall-kura tad-dijabete)
- Rifampicin (li jintuża għall-kura tat-tuberkulożi)
- Phenytoin, phenobarbital, carbamazepine (li jintużaw għall-kura tal-epilessija)
- Ritonavir (li jintuża fil-kura ta' infezzjoni tal-HIV)
- Paclitaxel (li jintuża fil-kura tal-kanċer)
- Theophylline (li jintuża għall-kura ta' mard respiratorju bħall-ażma)
- Clozapine (li jintuża għall-kura ta' disturbi psikjatriċi bħal skizofrenija)
- Tizanidine (li jintuża bħala rilassant tal-muskoli)
- Cholestyramine (li jintuża biex ibaxxi l-livelli ta' kolesterol fid-demm)
- Midazolam (li jintuża bħala sedattiv u għall-kura tal-anzjetà u l-amnesija)

# Il-progress tiegħi b'Exjade

## L-għan tat-trattament li qed ningħata

L-għan tat-trattament b'Exjade huwa li jkollok ammont tajjeb ta' ħadid f'ġismek. Kull xahar se żżur it-tabib tiegħek biex iżżomm rendikont tal-progress tiegħek b'risq l-**għan tat-trattament** tiegħek.

It-tabib tiegħek se jistabbilixxi l-għan tat-trattament tiegħek abbażi ta' test tad-demm imsejjaħ test tal-ferritin tas-serum. Dan it-test jagħti l-livell ta' ferritin tas-serum tiegħek, jew **livell SF**. Il-livell SF tiegħek jindika lit-tabib tiegħek kemm għandek ħadid f'ġismek. It-tabib tiegħek se jkun irid jew li jbaxxi l-livell SF tiegħek jew iżommu kif inhu.

## Id-doża tiegħi

It-tabib tiegħek jista' jiddeċiedi li jibdel id-doża tiegħek abbażi tal-livell SF tiegħek, testijiet oħra tal-laboratorju, jew il-frekwenza ta' kemm tingħata trasfużjonijiet.

Wara li tieħu Exjade għal **3 sa 6 xhur**, iċċekkja mat-tabib tiegħek li qed tagħmel progress kif ippjanat. Jekk m'intix tagħmel progress, staqsi lit-tabib tiegħek dwar il-pjan tiegħu/tagħha biex jgħinek/tgħinek tilħaq l-għan tat-trattament tiegħek.

## Bejn kull vista

Avvenimenti importanti oħra jistgħu jseħħu bejn il-visti tat-tabib. Inti għandek iżżomm rendikont tagħhom u taqsamhom mat-tabib tiegħek. Dawn jinkludu:

- Effetti sekondarji
- Mediċini oħrajn
- Kwalunkwe devjazzjoni mid-doża ordnata

* Jekk fil-preżent qed tuża kontraċettiv orali jew tuża kontraċettiv f'forma ta' impjastru biex tevita tqala, għandek tuża tip addizzjonali jew differenti ta' kontraċezzjoni (eż. kondom), peress li Exjade jista' jnaqqas l-effikaċja tal-kontraċettivi orali u f'forma ta' impjastru.

## Tagħrif ieħor dwari

Dan it-tagħrif addizzjonali hu ta' għajnuna kemm għalik u anke għat-tabib tiegħek għal meta tkunu qed tippjanaw it-trattament b'Exjade® (deferasirox). Staqsi lit-tabibtiegħek jekk ikollok bżonn l-għajnuna biex twieġeb dawn il-mistoqsijiet.

### Informazzjoni ġenerali

Isem _

Kunjom _

Data tat-twelid _

Dijanjożi _

Ingħatajt xi trasfużjonijiet? Jek iva, kemm-il waħda u kemm ta' spiss?

Għandi xi problemi oħra tas-saħħa?

Qed nieħu xi mediċina oħra bħalissa għal problemi oħra tas-saħħa?

Għandi xi allerġiji?

## Kif għandi nibda nieħu Exjade

Inti tista' tibda żżomm rendikont tal-progress tiegħek ladarba t-tabib tiegħek jiddeċiedi dwar il-livell SF fil-mira u d-doża ta' Exjade tiegħek. Aħdem mat-tabib tiegħek biex timla l-għan tat-trattament tiegħek u informazzjoni oħra, hawn taħt.

**Data:** **Il-livell SF attwali tiegħi:** _

**L-għan tat-trattament tiegħi huwa li:**

Inaqqas il-livell SF tiegħi għal

______________________

**Il-piż tiegħi:**

______________________

**Is-sistema ta' dożagg ta' Exjade tiegħi**

Jiena qed nieħu

☐ Exjade pilloli miksijin b'rita

☐ Exjade pilloli li jinfirxu

- Kemm-il pillola se nieħu kuljum?

______________________

Jekk Exjade pilloli miksijin b'rita:

☐ Nista' nibla' l-pilloli tiegħi sħaħ

☐ Se nfarrak il-pilloli tiegħi u nxerridhom fuq ikel artab bħal jogurt jew zalza tat-tuffieħ (purée tat-tuffieħ) u nikolhom immedjatament

- Meta se nieħu l-mediċina tiegħi kuljum?

______________________

**Noti:** Ikteb kwalunkwe nota jew mistoqsija mill-vista tiegħek.

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

▼Dan il-prodott mediċinali huwa suġġett għal monitoraġġ addizzjonali. Dan ser jippermetti identifikazzjoni ta' malajr ta' informazzjoni ġdida dwar is-sigurtà. Il-professjonisti dwar il-kura tas-saħħa huma mitluba jirrappurtaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata

Reazzjonijiet avversi suspettati u żbalji bl-użu ta' prodotti mediċinali assoċjati mall-iteħid ta' Exjade (deferasirox) għandom jiġu rraportati lill-:

Awtorita' Dwar il-Mediċini,
Sir Temi Zammit Buildings,
Malta Life Sciences Park,
San Gwann SGN 3000.

Jew fuq: www.medicinesauthority.gov.mt/adrportal

Inkella lil: Novartis Pharma Services Inc. Representative Office Malta fuq numru tat-telefown 21222872.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq: Novartis Europharm Limited, Frimley Business Park, Camberley GU16 7SR, Ir-Renju Unit.

Rappreżentant lokali ghad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq: Novartis Pharma Services Inc., Representative Office Malta. Numru tat-telefown: +356 21222872.

NOVARTIS


© Novartis 2016